**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1114/2015 AF**

**KB Petrols srl**

**vs**

**Agostino Padre Limited (C-60382) u b'digriet tal-11 ta' Frar 2016, il-Qorti awtorizzat lil Khaled Barakat Abdelrazek jintervjeni fil-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Agostino Padre Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti giet mitluba tawtorizza lir-rikorrenti Graziella Attard bhala Direttur tas-socjetà Agostino Padre Limited tintavola r-risposta ghar-rikors promotur u dan taht kull provediment li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat it-twegiba ta' KB Patrols srl.

Rat l-Art. 158 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

*"Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Ikkunsidrat illi l-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja gie ampjament enfasizzat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd (28 ta' Jannar 2005) li ghaliha din il-Qorti taghmel pjena referenza. Applikati l-principji enuncjati fil-fuq citata sentenza, din il-Qorti ma ssibx li fil-kaz in ezami tezisti raguni tajba a tenur tal-ligi fil-fuq citat Art. 158(10).

Jirrizulta mill-atti illi s-socjetà intimata giet debitament notifikata bil-kawza fejn giet mitluba d-dispensa mis-smiegh. Fl-ewwel dehra quddiemi din il-Qorti kienet rapprezentata minn tlett persuni li ddikjaraw li kienu rapprezentanti taghha u kienu debitament assistiti minn avukat.

F'dik is-seduta s-socjetà giet moghtija l-fakoltà li tressaq l-eccezzjonijiet taghha. Il-Qorti tinnota li Dr. Graziella Attard, illum registrata bhala direttur tas-socjetà kienet prezenti fl-awla. Hija kienet ukoll ressqet rikors ghan-nom ta' terz sabiex dan jintervjeni fil-kawza.

Sussegwentement is-socjetà intimata pprezentat in atti nota dwar il-mertu tal-kawza però baqghet ma ressqet ebda nota tal-eccezzjonijiet. Il-Qorti tinnota inoltre illi l-istess avukat, direttur tal-intimata, kienet giet mahtura direttur tas-socjetà sa mill-14 ta' Settembru 2015, meta gew registrati f'isimha l-ishma fis-socjetà.

F’dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma ssib ebda raguni valida li twassalha biex tilqa’ t-talba tas-socjetà Agostino Padre Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tad-29 ta’ Frar 2016.

L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu mis-socjetà Agostino Padre Limited.

IMHALLEF

DEP/REG